MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 40/2007

**Kristian Debattista**

**vs**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta’ Dicembru, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta Rikors prezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fis-7 ta' Marzu 2006.
>
> It-Tribunal zamm 13-il seduta.
>
> Kristian Debattista, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Anglu Farrugia u Water Services Corporation, aktar il-

quddiem tissejjah il-"Korporazzjoni" kienet rapprezentata minn Emanuel Galea assistit mill-Avukati Gillian Mamo u Danielle Grima.

L-appellant ikkontenda li l-kaz kontrih kellu jieqaf ghaliex kien hemm ksur ta' l-artikolu 2.3.2 tal-Kodici ta' Dixxiplina fil-Ftehim Kollettiv li jistipula li l-Kumitat ta' Dixxiplina m'ghandux jiehu aktar minn tliet xhur biex jiddeciedi kaz. Jirrezulta li t-tieni seduta tal-Bord ta' Dixxiplina kellha ssir fl-24 ta' Lulju 2004 izda thassret ghaliex ir-rapprezentanta ta’ l-appellant kienet se tkun imsiefra. Gie miftiehem li z-zmien li jghaddi minn din id-data sal-laqgha li ssir minflok dik imhassra ma jigix kunsidrat parti mit-tliet xhur specifikati. Kif rikjest minn Artikolu 2.3.3. il-Bord kien intalab, qabel ma ghaddew it-tliet xhur, biex iz-zmien jigi estiz u dan approva. Kopja ta' din it-talba kienet intbaghtet lir-rapprezentanta ta’ l-appellant. Ghalhekk it-Tribunal ma jilqax l-eccezzjoni ta' l-appellant dwar il-limitu ta' zmien taht Artikolu 2.3.2.

L-appellant kien gie akkuzat "Talli f’aktar minn okkazjoni wahda abbuzajt mid-drittijiet tieghek bhala Technician ICT billi accessajt files tal-kompjuter kunfidenzjali u li fic-cirkostanzi ma kellekx dritt ghalihom, ghamilt kopji ta' l-imsemmija files u ghaddejt informazzjoni hemm kontenuta lil terzi persuni......"

Hu tressaq quddiem Bord ta' Dixxiplina li sab li l-Korporazzjoni gabet provi dwar l-access ghal files u l-ikkupjar taghhom. Dwar li ghadda informazzjoni lil terzi, ghalkemm il-Korporazzjoni ma ressqetx provi irrefjutabbli, fuq bazi ta' *circumstantial evidence,* sab kredibbli t-tezi tal-Korporazzjoni li ghamel hekk.

Hu appella u l-Bord ta' l-Appell sab li "mghandu ebda dubju li l-ufficjal akkuzat ikkopja files kunfidenzjali anki b'mod mhux mehtieg ghall-backup (meta dan kellu server u pcs ghad-

dispozizzjoni tieghu biex jaghmel dan il-backup b'mod professjonali)". Il-Bord ikkonferma is-sentenza tal-Bord tad-Dixxiplina dwar din l-akkuza u zied li "Dan ikompli johrog mill-ammissjoni ta' l-akkuzat appellant stess illi huwa kkopja l-kompjuter kollu mhux il-pst file biss, u ikkupjah mhux fuq is-server biss imma fuq CDs ukoll".

Il-Bord ta' l-Appell sab li l-appellant, fin-nuqqas ta' provi konkreti, ghandu jigi liberat mill-akkuza li ghadda l-materjal ikkupjajt lil terzi persuni.

L-appellant ibbaza l-kaz tieghu quddiem it-Tribunal fuq dawn il-punti:

1. li l-files konfidenzjali setghu jigu accesjati minn erba' impjegati ohra fil-MIS barra l-appellant permezz ta' administrative password komuni.

2. li Daniel Zammit kien qallu li, meta jkollu xoghol fuq kompjuter sensittiv, barra l-procedura normali ghandu jikkopja anke fuq CD u, meta jlesti x-xoghol, tali CD tinghata lill-persuna li talbet ix-xoghol. Kien qallu wkoll li dawn mhux proceduri ufficjali u jekk xi hadd jistaqsih dwarhom ghandu jinnega.

3. li Daniela Gauci u Keith Goodlip kienu kkonkludew li hemm htiega ta’ format u talbuh biex jaghmlu.

4. li ma ttiehdux l-audit trails mill-kompjuters ta’ l-impjegati fil-MIS u dak ta' Michelle Mallia.

Dwar l-ewwel punt huwa veru li files kunfidenzjali kienu accessibbli ghall-impjegati kollha fil-MIS izda rrezulta li waqt l-investigazzjonijiet l-appellant kien qal li:

1. Ghamel backup tal-Kompjuter ta' Michelle Mallia fuq il-Uranus Server u fuq CD.

2. Kisser u rema' is-CD tal-backup meta tlesta x-xoghol.
3. Kien wahdu fil-Workshop fil-5 ta' April 2004 ghax il-kollega kien hareg bil-leave.

Dwar it-tieni punt dan ma giex sostanzjat u, kieku veru, ma giex osservat mill-appellant ghax ma ghaddiex is-CD lil min talab ix-xoghol izda qal li kissirha u rmiha izda minghajr xhieda li ghamel hekk.

Dwar it-tielet punt iz-zewg superjuri ta' l-appellant jinnegaw li qalulu biex jaghmel xi format jew li jikkopja fuq server jew li jaghmel xi kopja fuq CD meta kien mehtieg biss backup ta’ l-Email fejn kien hemm il-hsara.

Dwar ir-raba’ punt jirrezulta li ma kienx hemm il-htiega li jittiehdu audit trails mill-kompjuters ta' impjegati ohra ghaliex l-ikkuppjar ta' files sar fuq il-kompjuter ta' l-appellant fil-hin li kien qed jahdem fuqu hu.

Mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-Korporazzjoni, mill-Audit Trails, mill-konkluzjonijiet tal-Bordijiet ta' Dixxiplina u ta' Appel, mid-dokumenti prezentati u x-xhieda moghtija quddiem it-Tribunal jirrezulta li l-appellant ikkopja files konfidenzjali fuq server, fuq CDs u fuq il-kompjuter tieghu minghajr ma kien awtorizzat jaghmel hekk u dan meta kien hemm il-htiega li jsir backup biss ta' l-Emails.

It-Tribunal jinnota li l-Bord ta' l-Appell kien irrikomanda illi, "...... stante li l-appellant iddekada mill-fiducja massima li l-kariga tieghu tippresupponi, il-Korporazzjoni tkun gustifikata li tnehhieh minn tali kariga". Izda halliet fid-diskrezzjoni tal-Korporazzjoni ghandiex tibqa’ tuza s-servizzi tieghu, prezumibbli fil-kariga li kien jokkupa qabel dik ta' ICT Technician. Mhux il-kompitu tat-Tribunal li jiggudika x'seta' ghamel il-

> Bord ta' Diretturi izda li jiddeciedi jekk kienx hemm gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.
>
> Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal isib li l-appellant kiser il-kunfidenzjalita meta ghamel kopji ta' files restritti u b'dan l-agir holoq il-possibbilta li xi hadd jghaddi informazzjoni sensittiva lil terzi persuni barra l-Korporazzjoni. Dan kien nuqqas serju hafna minn impjegat fdat b'access ghal hafna informazzjoni kunfidenzjali.
>
> Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li l-Korporazzjoni kellha raguni tajba u sufficienti biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.
>
> Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabilit fil-ligi minhabba xhieda volominuza, limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.
>
> Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira) - E 93 (tlieta u disghajn Euro)
>
> B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.”

Ir-rikorrenti ssottometta appell lil din il-Qorti ghax jghid li hassu aggravat b’din is-sentenza. Bl-ewwel hames aggravji tieghu huwa jikkontendi illi t-Tribunal Industrijali ma ghamelx ezami akkurat tal-provi u konsegwentement wasal f’konkluzjoni errata. Fil-kumpless, b’dawn l-ilmenti, l-appellanti jippretendi illi t-Tribunal naqas milli jivvaluta certi provi li tressqu jew, addirittura, skartahom. Kemm ghal din ir-raguni, kif ukoll ghall-ilment kostitwit bis-sitt aggravju relattiv ghall-allegat ksur ta’ l-Artikolu 2.3.2 tal-Kodici ta’ Dixxiplina, huwa ghadda biex talab ir-revoka tas-sentenza appellata;

Ghal dawn l-aggravji l-Korporazzjoni appellata wiegbet kif gej:-

(1) In linea preliminari n-nullita ta' l-appell ghax dan gieipprezentat tardivament;
(2) Ukoll, preliminarjament, l-irritwalita` u n-nullita` ta' l-appell ghall-fatt li l-ewwel hames aggravji ma jmissux "punt ta' ligi";
(3) Is-sitt aggravju hu insostenibbli ghaliex jirrizulta li t-terminu ta' tliet xhur prevvist fl-Artikolu 2.3.3 tal-Kodici ta' Dixxipplina kien gie estiz;
(4) Fil-meritu, is-sentenza timmerita konferma;

Fuq l-ewwel pregudizzjali tan-nullita` ta' l-appell, hu dispost fl-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452 illi r-rikors ta' l-appell lil din il-Qorti ghandu jkun pprezentat mhux aktar tard minn tnax-il gurnata mid-data tad-decizjoni tat-Tribunal;

Minn ezami tat-termini tad-decizjoni moghtija (10 ta' Dicembru, 2007) u ta' l-introduzzjoni ta' l-appell minnha (24 ta' Dicembru, 2007) hu difficli li wiehed jintravvedi s-serjeta` bl-eccezzjoni moghtija. Dan ghar-raguni illi kalkolu semplici ghandu juri illi z-zmien ta' tnax-il gurnata kien jiskadi fit-22 ta' Dicembru, 2007 u, gjaladarba din kienet gurnata tas-Sibt, it-terminu ghall-prezentata ta' l-appell kien jaghlaq fl-ewwel gurnata tax-xoghol, ossija t-Tnejn, 24 ta' Dicembru, 2007. Dan hu indott sija mill-Artikolu 109 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u wkoll mill-Artikolu 1076 tal-Kodici Civili li ma' dak l-Artikolu l-iehor hu abbinat. Minnhom jirrizulta illi meta l-iskadenza tat-terminu taqa' f'gurnata ta' vakanza dak it-terminu hu prorogat "*di diritto*" ghall-ewwel jum segwenti tax-xoghol. L-applikazzjoni ta' dan il-principju hu wiehed generali u jirreferi sew ghat-termini ordinatorji, sew ghal dawk perentorji, bhal ma hu appuntu dak prezenti. Ara "**A.I.C. Joseph Xuereb *nomine* -vs- Dolores Degabriele**", Appell Civili, 14 ta' Mejju, 1993. L-eccezzjoni qeghda ghalhekk tigi rigettata in kwantu insostenibbli;

Jibda biex jigi osservat fir-rigward tat-tieni pregudizzjali sollevata illi, trattasi minn Tribunal specjali, appell *ut sic* minn decizjoni tieghu ma jistax hlief ikun fuq "punt ta' ligi". Din il-materja hi regolata specifikament mill-istess Artikolu 82 (3) fuq imsemmi. Dan, wisq logikament, ifisser illi jekk il-punt ta' ligi li fuqu sar l-appell huwa infondat jew ma jkunx lanqas jezisti allura din il-Qorti ma tidholx biex tezamina l-fatti. Ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Zaren Clinton Minton -vs- Sovereign Hotels Ltd**", 10 ta' Ottubru, 2005;

Issa qabel kull konsiderazzjoni ohra jirrizulta mill-korp tas-sentenza appellata illi t-Tribunal immotiva l-konkluzjoni tieghu fuq il-bazi illi l-appellanti kiser il-kunfidenzjalita` meta ghamel kopji ta' files ristretti u holoq il-possibilita` li xi hadd jghaddi informazzjoni sensittiva lil terzi persuni, estraneji ghall-Korporazzjoni. Biex wasal ghal din id-deduzzjoni tieghu t-Tribunal segwa l-perkors ta' l-istharrig tal-provi li tressqu u ghadda biex ivvalutahom;

Bhal punt ta' dritt f' materja ta' kuntratti tax-xoghol, li ghandhom b'sostrat baziku rapport ta' fiducja, hi lesiva tad-dover ta' lealta` u korrettezza l-imgieba ta' l-impjegat li jipprokura informazzjoni rizervata konnessa ma' l-azjenda fejn jahdem billi jaccedi ghaliha u jaghmel kopja jew kopji taghha ghall-uzu minn terzi. Tali kondotta, in linea ta' massima, ma tistax ma tintegrax l-estremi ta' dik "ir-raguni tajba u bizzejjed" li, skond l-Artikolu 36 (14) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, taghti lok ghal licenzjament. Maghdud dan, fil-kaz *de quo* it-Tribunal sab, fuq il-konvinciment tieghu, illi kienu jezistu elementi probatorji li jidentifikaw lill-appellanti bhala l-awtur tas-sottrazzjoni ta' l-informazzjoni u, allura wkoll, bhala l-awtur tal-pregudizzju potenzjali derivat lill-Korporazzjoni minn dik il-kondotta lesiva tieghu;

Distingwibilment hafna, l-appellanti, minn imkien mill-ewwel hames aggravji tieghu, ma jqanqal xi punt ta’ dritt konness mal-prospettazzjoni guridika appena maghmula mill-Qorti. Huwa jillimita ruhu ghal konstatazzjoni ta’ l-evalwazzjoni tal-provi kondotta mit-Tribunal billi jirrikorri ghal certi provi parzjali singolati minnu biex minnhom jestraji ri-elaborazzjoni personali tieghu tal-provi b’ kuntrast mas-sintesi ta’ l-istess Tribunal. Anke jekk ir-raffigurazzjoni tal-provi pprezentata mill-appellanti tista’, ghall-grazzja ta’ l-argoment, tekwivali ghal punt ta’ ligi, dejjem tajjeb li jinzamm in mira illi dik l-istess raffigurazzjoni u valutazzjoni tal-provi koncepita mill-appellanti ma kellhiex, imbaghad, tkun limitata ghall-ezami izolat ta’ l-elementi singoli minnu senjalati izda mistharrga u apprezzata fil-kwadru globali tal-kaz u flimkien ma’ elementi probatorji ohrajn. Apparti dan, fil-limiti stretti ghal liema hu akkonsentit appell, ir-rikors ta’ l-appell ma seta’ jkun qatt wiehed ristrett ghas-semplici kritika tal-gudizzju tat-Tribunal tal-fatti rizultati mill-provi meta, ukoll, u fl-istess waqt, l-appellanti naqas milli jiddeduci u jgib ‘il quddiem l-inkongruwenza jew l-illogicita tal-motivazzjoni fil-qafas tal-kumpless tal-provi. Minn din il-perspettiva l-ewwel hames aggravji, hekk limitativi tac-censura ta’ l-apprezzament tal-provi mit-Tribunal, ma jistghux jitqiesu ammissibbli;

Kwantu ghall-argoment kontenut fis-sitt motiv ta’ aggravju jirrispondu sewwa l-konsiderazzjonijiet zvolti fis-sentenza appellata u mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tiddilunga zzejjed dwaru. Li forsi tista’ zzid b’mod generali hu dan. It-terminu prevvist fil-Kodici ta’ Dixxiplina ma jidherx li hu wiehed finali jew fatali li jiddetermina l-akkwist jew it-telf ta’ drittijiet jew li l-inosservanza tieghu tiddetermina n-nullita` ta’ l-atti kompjuti. Dan ghaliex dak it-terminu kien suxxettibbli ta’ proroga li, di fatti, intalbet u giet approvata. F’kull kaz ukoll il-kwestjoni ma gabet ebda pregudizzju lid-difiza ta’ l-appellanti quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina. Anke dan l-ahhar ilment qed jitqies infondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-ewwel pregudizzjali tal-Korporazzjoni appellata bl-ispejjez ta' l-istess sopportabbli minnha, tirrespingi l-appell fil-kapi kollha ta' l-aggravji tieghu u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------